MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-4 ta' Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 84/2018 LM

**Lilian Fiedler (K.I. 84265M)**
*("l-appellanta")*

***vs.***

**Elmo Insurance Ltd u George Frendo bħala kjamat fil-kawża**
*("l-appellati")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti, hawnhekk "l-appellanta" **Lilian Fiedler (K.I. Numru 84265M)** mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), fit-8 ta' Marzu, 2018 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li permezz

tagħha t-Tribunal iddeċieda li jillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza ta' inċident tat-traffiku li seħħ fl-10 ta' Novembru, 2016, fl-ammont ta' elfejn, sitt mija u tnax-il Euro u disgħin ċenteżmu (€2,612.90). It-Tribunal iddeċieda wkoll li d-danni għandhom jitħallsu mill-intimat, hawnhekk "l-appellat", **George Frendo**, flimkien mal-imgħaxijiet mid-data tan-notifika ta' dawn il-proċeduri, bid-dritt ta' rivalsa tas-soċjetà Elmo Insurance Limited kontra l-istess George Frendo għal kull ħlas erogat minnha bis-saħħa tat-tħaddim tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti qiegħda tappella minn din id-deċiżjoni minħabba li ma taqbilx mal-*quantum* tad-danni likwidati mit-Tribunal.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrenti istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal in segwitu għal inċident tat-traffiku li seħħ fl-10 ta' Novembru, 2016, fi Triq l-Industrija, Ħal Kirkop, bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IAM 165 misjuqa mir-rikorrenti u dik bin-numru ta' reġistrazzjoni IQZ 286 misjuqa minn George Frendo. Fl-Avviż tat-Talba ppreżentat minnha, ir-rikorrenti speċifikat li l-ammont ta' danni sofferti minnha fl-inċident imsemmi huwa ta' elfejn, sitt mija u tnax-il Euro u disgħin ċenteżmu (€2,612.90), biż-żieda tal-ispejjeż legali u l-imgħaxijiet mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali li permezz tagħha r-rikorrenti interprellat lill-intimati għall-ħlas. Permezz tat-talba tagħha lit-Tribunal, ir-rikorrenti speċifikat ukoll li hija qiegħda titlob li s-soċjetà intimata tiġi dikjarata

responsabbli għall-inċident imsemmi, u li s-soċjetà intimata tiġi kkundannata tħallas d-danni sofferti minnha.

**Mertu**

3. Waqt is-smigħ tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, irriżulta li fil-ħin tal-inċident, Frendo kien taħt l-influwenza tax-xorb, u ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni biex isuq il-vettura proprjetà ta' Tapram Limited, li huwa kien qiegħed isuq waqt l-inċident. In vista ta' dawn ir-riżultanzi, is-soċjetà assikuratriċi Elmo Insurance Limited ħadet il-pożizzjoni li kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza tal-assikurazzjoni li kienet koperta biha l-vettura misjuqa minn Frendo, u f'każ li hija kienet ser tintalab tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mir-rikorrenti, kienet qiegħda żżomm ferm id-dritt ta' rivalsa kontra George Frendo, għal kwalunkwe spejjeż erogati minnha.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-8 ta' Marzu, 2018, it-Tribunal ikkonkluda li l-ammont ta' €2,612.90 għandu jiġi likwidat bħala danni favur ir-rikorrenti, u li din is-somma għandha titħallas lir-rikorrenti mill-intimat George Frendo, flimkien mal-imgħaxijiet mid-data tan-notifika ta' dawn il-proċeduri. It-Tribunal ikkonkluda wkoll li fil-mument meta seħħ l-incident, George Frendo kien taħt l-influwenza tal-alkoħol, u għalhekk kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet

tal-polza, apparti li ġie stabbilit li l-istess Frendo ma kienx *authorized driver* biex isuq il-vettura bin-numru IQZ 286. It-Tribunal qal li minkejja dan, is-soċjetà intimata hija tenuta tħallas id-danni sofferti mir-rikorrenti u dan a tenur tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, bid-dritt ta' rivalsa kontra George Frendo għal ħlas erogat minnha. It-Tribunal għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "*Dan l-arbitraġġ jirrigwarda inċident tat-traffiku li ġara fl-10 ta' Novembru 2016 għall-ħabta tal-4:30 p.m. ġewwa Triq l-Industrija, Ħal-Kirkop, hekk kif toħroġ mill-mini ta' Ħal-Kirkop bejn il-vettura numru IAM 165 proprjetà tar-Rikorrenti u misjuqa minnha, u l-vettura numru IQZ 286 misjuqa minn George Frendo u assikurata mill-kumpannija assikuratriċi intimata.*
>
> *Mix-xhieda tar-Rikorrenti jirriżulta illi dan l-inċident ġara meta George Frendo is-sewwieq tal-vettura numru IQZ 286 ħabat mal-vettura tagħha fuq wara:*
>
> *Ir-Rikorrenti stqarret hekk:*
>
> *"Kif ħriġt mill-mina ġiet karozza minn warajja, ħabtet miegħi fuq wara u b'daqqa tal-vettura l-oħra inqalbet."*
>
> *George Frendo meta ġie mistoqsi mill-Pulizija dwar kif ġara l-inċident wieġeb illi "kien ħiereġ mill-mina sejjer fid-direzzjoni ta' Ħal Kirkop fejn huwa ma jafx x'ġara għaliex inqaleb" (ara Rapport tal-Pulizija – Action Taken).*
>
> *Fil-kawża* ***John Bonnici vs Bartolomew Gauci*** *(Appell, il-Qorti 25/6/1984) għamlet riferenza għall-obbligi tas-sewwieq ta' wara, f'dan il-każ George Frendo, fejn dawn ġew delineati fis-segwenti termini. Is-sewwieq ta' wara għandu (1) ikollu l-karozza taħt il-kontroll tiegħu, (2) obbligu li jżomm ċerta distanza mill-karozza ta' quddiemu (3) iżomm* proper lookout.
>
> *F'dan l-istadju ssir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet* ***Brian Mizzi et noe vs John Ciappara (26/3/2003)*** *fejn l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rriteniet illi:-*
>
> "Is-sewwieq ta' wara għandu: (1) ikollu l-karozza taħt il-kontroll tiegħu b'mod li jieqaf meta l-karozza ta' quddiemu tieqaf; (2) l-obbligu li jżomm ċertu distanza mill-karozza ta' quddiemu, għaddej bi speed li jkun jista' jieqaf jekk jieqaf ta' quddiemu; u (3) iżomm a proper lookout biex jekk ta' quddiemu jieqaf, jaraha tieqaf mill-ewwel u

jieqaf. Dawn l-obbligi jiżdiedu meta l-konfigurazzjoni tat-triq tirrikjedi grad ogħla ta' attenzjoni."

*L-**Artikolu 158 tal-Highway Code** jiddetta illi xufier m'għandux isuq qrib wisq tal-vettura ta' quddiemu u għandu jsuq b'veloċità illi tippermettilu illi jwaqqaf jekk il-vettura timmanuvra f'daqqa jew tnaqqas il-veloċità jew tieqaf. L-**Artikolu 159** jenfasizza illi għandha titħalla distanza ta' żewġ sekondi bejn il-vetturi f'toroq traffikużi waqt illi f'toroq imxarrba dan il-ħin għandu tal-inqas jiġi rduppjat.*

*L-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Ivan Calleja vs Karl sive Carl Glanville 11/1/2002)** irriteniet illi:-*

"Issa bħala regola s-sewwieq tal-vettura li tkun miexja fuq wara dejjem jirrispondi għall-akkadut billi dan ix-xufier għandu l-obbligu li mhux biss iżomm distanza raġonevoli mill-vettura ta' quddiemu, iżda wkoll li joqgħod attent għal dak li jkun qed jiġri, biex b'hekk ikun jista' jirreaġixxi tempestivament. Dawn l-obbligi u partikolarment dak li żżomm distanza adegwata mill-vetturi ta' quddiemek jassumi aktar relevanza meta s-superfiċi tat-triq tkun imxarrba bix-xita b'mod li l-kontroll tal-vettura jkun aktar dgħajjef."

*M'hemmx dubju illi George Frendo naqas milli josserva dawn il-konsiderazzjonijiet meta kien ħiereġ mill-mina ta' Ħal Kirkop, u dana aktar u aktar billi kien taħt l-influwenza tax-xorb, tant illi huwa rrifjuta li jagħmel* breathalyzer test *għal tliet darbiet u għalhekk in vista tad-dinamika tal-inċident, l-esponenti huwa tal-fehma illi George Frendo għandu jinżamm unikament responsabbli għall-inċident.*

*Għar-rigward tal-ammont li qed jiġi mitlub in linea ta' danni mir-rikorrenti m'hemmx kontestazzjoni da parti tas-soċjetà intimata. Għalhekk l-ammont ta' €2,612.90 kif indikat fit-talba għandu jitħallas mill-intimat George Frendo lir-rikorrenti flimkien mal-imgħaxijiet mid-data ta' notifika ta' dawn il-proċeduri. L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati mill-intimat George Frendo.*

*Illi jirriżulta wkoll in vista tax-xhieda ta' George Stagno Navarra illi meta seħħ l-intimat George Frendo kien taħt l-influwenza tax-xorb bil-konsegwenza illi kien hemm ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza u dan oltre li ma kienx* authorized driver. *Nonostante ta' dawn iż-żewġ fatturi, is-soċjetà assikuratriċi intimata sejra tkun kostretta a tenur tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' €2,612.90, l-imgħaxijiet relattivi mid-data tan-notifika ta' dan l-Arbitraġġ u l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri. Għalhekk u in vista tal-premess, l-esponenti qed jagħti lis-soċjetà*

*assikuratriċi intimata, Elmo Insurance Limited, id-dritt ta' rivalsa kontra George Frendo għal kull esbors erogat minnha."*

**L-Appell**

5. Permezz tar-rikors tal-appell intavolat fil-11 ta' Lulju, 2018, ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti,

*"... tilqa' dan l-appell, tirrevoka, tħassar u tannulla d-deċiżjoni ossia sentenza appellata ai termini ta' danni mogħti u tilqa' t-talbiet tal-appellant billi tikkundanna lill-intimat iħallas id-danni sofferti mill-appellanti bl-imgħax tal-Arbitraġġ u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat appellat."*

6. L-appellanta spjegat li fl-Avviż tal-Arbitraġġ promutur, hija talbet li s-soċjetà appellata tiġi ddikjarata responsabbli għal inċident li kien seħħ fl-10 ta' Novembru 2016 ġewwa Triq l-Industrija, Ħal Kirkop, u konsegwentement talbet li l-istess soċjetà appellata tiġi kkundannata tħallas id-danni sofferti mill-appellanta fl-ammont ta' €2,612.90. L-appellanta spjegat li dan l-ammont kien ibbażat fuq stimi mogħtija lilha fis-*survey report* tal-istess soċjetà assikuratriċi. Qalet li waqt il-proċeduri tal-Arbitraġġ, irriżulta li l-ammont attwalment imħallas mill-appellanta sabiex il-vettura misjuqa minnha tinġab fl-i*status quo ante*, kien ta' €3,335.34, u dan l-ammont ġie kkonfermat permezz ta' irċevuti ppreżentati mill-appellanta quddiem l-Arbitru. Qalet li minkejja tali prova, l-Arbitru ddeċieda li l-intimat, hawnhekk appellat, George Frendo għandu jħallas l-ammont ta' €2,612.90 lill-appellanta, flimkien mal-ispejjeż legali u l-imgħaxijiet.

L-appellanta żiedet tispjega li hija intavolat rikors sabiex issir korrezzjoni fl-ammont ta' danni likwidati favur tagħha, iżda dan ir-rikors ġie miċħud mill-Arbitru. Qalet li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Arbitru, u għalhekk qiegħda tinterponi dan l-appell minnha. Fl-aggravju tagħha l-appellanta tgħid li l-Arbitru messu ddikjara li d-danni sofferti minnha jammontaw għal tlett elef tliet mija u ħamsa u tletin Euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€3,335.34), ladarba dan l-ammont gie ikkonfermat permezz ta' dokumenti ppreżentati mill-appellanta quddiem it-Tribunal. L-appellanta qalet li dak li jitniżżel fis-*survey report* huwa biss stima, u fir-realtà, meta hija ħadet il-vettura għat-tiswija, l-ispiża eċċediet l-istima li saret fis-*survey report.* L-appellanta qalet li mill-assjem tal-provi, l-Arbitru kellu jikkonkludi li l-ammont ta' danni li għandu jitħallas minn George Frendo huwa ta' tlett elef, tliet mija u ħamsa u tletin Euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€3,335.34), flimkien mal-imgħaxijiet mid-data tan-notifika ta' dawn il-proċeduri.

**<u>Ir-risposta ta-appell</u>**

7. Is-soċjetà appellata wieġbet li meta l-appellanta talbet li ssir korrezzjoni fil-*lodo* arbitrali permezz tar-rikors tagħha tal-21 ta' Marzu, 2018, hija sostniet li t-Tribunal ma kien ħa l-ebda żball meta llikwida l-ammont ta' danni li għandhom jitħallsu lill-appellanta fis-somma ta' elfejn, sitt mija u tnax-il Euro u disgħin ċenteżmu (€2,612.90), għaliex proprju dan kien l-ammont mitlub mill-appellanta fl-Avviż tat-Talba ppreżentat minnha quddiem it-Tribunal. Is-soċjetà appellata żiedet tgħid li fl-ebda waqt tal-proċeduri quddiem it-Tribunal ma

ntalbet korrezzjoni tal-ammont pretiż mill-appellanta, u għalhekk it-Tribunal kellu jilqa' t-talba kif dedotta fl-Avviż tat-Talba, għaliex kieku m'għamilx hekk kien ikun qiegħed jagħti deċiżjoni *ultra petita.* L-appellata qalet li fid-29 ta' Mejju, 2018, it-Tribunal ta digriet li permezz tiegħu ċaħad it-talba tal-appellanta għal korrezzjoni, u dan id-digriet ġie notifikat lill-partijiet fit-18 ta' Ġunju, 2018, filwaqt li l-appellanta intavolat dan l-appell fil-11 ta' Lulju, 2018.

Is-soċjetà appellata eċċepiet li għalhekk dan l-appell huwa *fuori termine,* u dan għaliex l-artikolu 70B(2) tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta jispeċifika li appell għandu jsir fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tiġi riċevuta d-deċiżjoni finali tal-Arbitru. Żiedet tgħid li l-artikolu 6 tat-Taqsima B tar-Raba' Skeda jispeċifika li d-deċiżjoni għandha titqies li tkun ġiet riċevuta mill-partijiet fid-data li fiha tingħata d-deċiżjoni bil-miftuħ. L-appellata spjegat li mill-atti proċesswali jirriżulta li d-digriet finali taċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ ingħata fid-29 ta' Mejju, 2018, u dan id-digriet ġie ċċirkolat lill-partijiet fit-18 ta' Ġunju, 2018. L-appellata qalet li minn dan isegwi li l-appellanta kellha sal-4 ta' Lulju, 2018 sabiex iddaħħal l-appell tagħha f'każ li riedet tappella mid-deċiżjoni tat-Tribunal. Is-soċjetà appellata żiedet tgħid li huwa prinċipju magħruf li t-termini t'appell imposti b'liġi bl-ebda mod ma jistgħu jiġu sanati b'xi addizzjoni jew proroga, u dawn lanqas ma jistgħu jiġu sospiżi jew interrotti.

Mingħajr preġudizzju għal dan, is-soċjetà appellata żiedet tgħid li l-appell mhux biss huwa irritu u null inkwantu huwa *fuori termine,* iżda wkoll għaliex fil-mertu jirriżulta li ma kien hemm l-ebda żball min-naħa tal-Arbitru meta llikwida d-danni fl-ammont ta' elfejn, sitt mija u tnax-il Euro u disgħin ċenteżmu

(€2,612.90), għaliex dan kien l-ammont pretiż mill-appellanta fl-Avviż tat-Talba tagħha. Is-soċjetà appellata żiedet tgħid li mill-atti tal-proċeduri arbitrali ma jirriżultax li l-appellanta qatt talbet xi korrezzjoni fl-ammont reklamat minnha, u għalhekk il-*lodo* arbitrali għandu jitqies li huwa wieħed ekwu u ġust. Is-soċjetà appellata li f'każ li din il-Qorti kellha tilqa' t-talba tal-appellanta u żżid id-danni likwidati għal tlett elef, tliet mija u ħamsa u tletin Euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€3,335.34), kif mitlub, din il-Qorti tkun qiegħda taġixxi *ultra petita.*

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex fl-ewwel lok tikkonsidra l-eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà appellata, li l-appell intavolat mill-appellanta ġie ppreżentat *fuori termine.* Tqis li appell ikun *fuori termine* jekk ikun ġie ippreżentat oltre ż-żmien statutorjament stabbilit u ċioé meta t-terminu jkun għadda u skada. Fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Giacchino sive Jack Galea *vs.* Suor Mansueta Farrugia et**[1], inkiteb illi:

> "Il-liġi infatti tipprevedi li jiġi stabbilit terminu li kellu bilfors jiġi osservat taħt piena ta' nullità għall-preżentata ta' ċerti atti proprju sabiex tassigura ċ-ċertezza tal-jeddijiet u tal-ġudikati dwarhom u għall-ebda raġuni oħra."

9. F'dan il-każ l-appellanta ppreżentat rikors li permezz tiegħu talbet lit-Tribunal jirrevedi l-*lodo* arbitrali mogħti minnu fit-8 ta' Marzu, 2018, u jirrevedi d-danni llikwidati favur tagħha fl-ammont ta' €3,335.34, minflok fl-ammont ta'

[1] 15.06.2001.

€2,612.90. Din it-talba tal-appellanta ġiet miċħuda mit-Tribunal permezz ta' digriet li ngħata fid-29 ta' Mejju, 2018. L-appellanta, fir-rikors tal-appell tagħha ppreżentat fil-11 ta' Lulju, 2018, tgħid li hija ġiet notifikata b'din id-deċiżjoni tal-Arbitru fid-19 ta' Ġunju, 2018. Issa l-artikolu 70B(2) tal-Kap. 387 jispeċifika illi:

> "Bla ħsara għal dak li hemm speċifikament provdut fl-artikolu 6 tat-Taqsima B tar-Raba' Skeda, appell għandu jsir fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tiġi riċevuta d-deċiżjoni finali jew, jekk ikun hemm xi proċess ta' arbitraġġ ta' appell jew reviżjoni, mid-data meta l-parti kienet notifikata bir-riżultat ta' dak il-proċess, jew meta l-proċess kien mod ieħor kompletat, jew minn meta jkun skada ż-żmien għalih."

Minn qari ta' dan l-artikolu tal-liġi, jirriżulta li l-appell intavolat mill-appellanta ġie ppreżentat *fuori termine.* Il-liġi hija ċara li l-appell quddiem din il-Qorti mid-deċiżjoni tat-Tribunal għandu jsir permezz ta' rikors li għandu jiġi ppreżentat fi żmien ħmistax-il jum mid-data tad-deċiżjoni, u ladarba l-istess deċiżjoni ngħatat fid-29 ta' Mejju, 2018, u ġiet notifikata lill-appellanta fid-19 ta' Ġunju 2018, dan ifisser li hija kellha sal-4 ta' Lulju, 2018 sabiex tintavola l-appell tagħha. Peress li tali terminu għall-preżentata tal-appell quddiem il-Qorti huwa wieħed perentorju, il-Qorti ma tistax tasal għal deċiżjoni oħra għajr li tiddikjara l-appell *fuori termine,* u għalhekk qiegħda tiċħad l-appell fuq din il-bażi.

__Decide__

**Illi għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħad l-appell interpost mill-appellanta, u dan peress li rikors tal-appell tal-appellanta ġie ppreżentat *fuori termine* kif hawn deċiż.**

**Bl-ispejjeż tal-proċeduri arbitrali jibqgħu kif deċiżi, u bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**